**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Jannar 2018**

**Pulizija**

**Spettur Chantelle Casha**

**Vs**

**John Mary Zammit**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra John Mary Zammit ta' 36 sena, bin Anthony Zammit u Catherine xebba Zammit, imwieled Pieta' nhar il-25 ta' Jannar 1981 u residenti 91, Triq ix-Xaghra, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita numru 82181(M);

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' talli nhar il-11 ta' Dicembru 2017 u fil-granet u x-xhur ta' qabel u wara f'dawn il-Gzejjer:

1) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletroniku, ghamel uzu mhux xieraq bih;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Nathalie Baldacchino u/jew xi persuni ohra;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dak kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna biza fuq il-persuna ta' Nathalie Baldacchino u/jew xi persuni ohra li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

5) Il-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Nathalie Baldacchino u/jew xi persuni ohra u jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

6) Il-Qorti tista' jekk jidrilha xieraq, minhabba f'ragunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' ta' Nathalie Baldacchino u/jew xi persuni ohra jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat;

7) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-25 ta' Jannar 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 251(1)(a)(b), 251B, 383, 412(c) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(1)(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tordna li jitqieghed taht ordni ta' trattament ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 412(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**